

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Austria](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut
minn
Awstrija

Awstrija



Int titqies bħala vittma ta' reat jekk iġġarrab danni jew jekk l-interessi legali tiegħek, kif protetti bid-dritt kriminali, setgħu nkisru b'modi oħra, eż. jekk int korrett jew jekk il-proprjetà tiegħek ġarrbet ħsara jew insterqet u dan l-att ikun jikkostitwixxi reat skont id-dritt tal-Awstrija. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tiggarrantixxi li int tibbenefika minn ċerti drittijiet individwali qabel, waqt u wara l-proċedimenti tal-qorti.

Fl-Awstrija, il-proċedimenti kriminali jibdeu malli l-pulizija kriminali (*Kriminalpolizei*) jew l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (*Staatsanwaltschaft*) jiftħu investigazzjonijiet b'reazzjoni għal suspett inizjali. Ladarba jiġu konklużi dawn l-investigazzjonijiet, il-prosekutur pubbliku jista' jiddeċiedi li jagħlaq il-proċedimenti, jordna miżuri alternattivi għal proċedimenti kriminali konvenzjonali jew iressaq l-akkużi quddiem qorti. Ċerti reati (reati soġġetti għal prosekuzzjoni privata - *Privatanklagedelikte*) jitressqu quddiem il-qorti biss fuq it-talba tal-vittma, li f'dan il-każ trid tippreżenta l-akkużi hija stess. Ma ssir ebda investigazzjoni f'dawn il-każijiet.

Matul il-proċess, il-qorti torganizza seduta u teżamina l-evidenza. Skont is-serjetà tar-reat, il-kawżi jinstemgħu minn

- imħallef uniku jew
- panel ta' mħallfin (*Schöffenrat*) li jikkonsisti, skont ir-reat inkwistjoni, f'imħallef professjonali wieħed jew tnejn u f'żewġ imħallfin onorarji, li jiddeċiedu dwar il-ħtija tal-akkużat u l-livell tal-piena imposta jew
- qorti b'ġurija (*Geschworenengericht*), li tikkonsisti fi tliet imħallfin professjonali u fi tmien imħallfin onorarji (ġurati). Il-ġurati jiddeċiedu dwar il-ħtija tal-akkużat, filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-livell tal-piena tittieħed b'mod konġunt mill-ġurati u mit-tliet imħallfin professjonali.

Bħala vittma, int tista' taqdi rwol importanti ħafna f'dawn il-proċedimenti kriminali u tibbenefika wkoll minn diversi drittijiet. Int tista' tiegħu sehem bħala vittma mingħajr status legali speċifiku jew issir rikorrent ċivili, prosekutur sussidjarju jew prosekutur privat u tibbenefika minn drittijiet u minn possibbiltajiet addizzjonali.

Ikklikkja fuq il-links li ġejjin biex issib l-informazzjoni li qed tfittex:

[1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat](#)

[2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess](#)

[3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

[4 - Il-kumpens](#)

[5 - Iddrittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 01/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali

sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.